**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru:**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Julius Bonello**

**Illum 24 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Julius Bonello** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0155752M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-31 ta' Ottubru 2023 ikkaċja jew prova jikkaċċa, ha jew prova jiehu ghasfur mingħajr licenzja valida ghal dak il-ghan mahruga mill-awtorita kompetenti, bi ksur ta Reg 12(1) u t-tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' L.S. 549 42 u bi ksur ta' Reg 10(2) ta' LS. 549 145;

2. Fl-istess data, hin, lok u ćírkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm hajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingharaf jew derivattivi ta' xi ghasfur li mhux inkluza fl-Iskeda II jew fl-Iskoda III, imma wħud minnhom imniżżla fi Skeda 1. meta dawk l-għasafar ma gewx iddikkjarati mal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar, jew il-

predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kien fil-pusess ta' permessi jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u 1-Ippjanar, jew il-preċedessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi għaż-żamma ta' dak l-ghasfur skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 21; jew kienu gew importati legalment skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu gew mehuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-tehid tagħhom saret skont il-liġi jew b'xi mod ichor akkwistati b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil- magħluq u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' L.S. 549.42

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali ta′ nhar is-17 ta′ Ottubru,2025, fejn sabet lill-appellant hati tal-akkużi kollha u ikkundannatu ghal multa ta' elf Ewro (€1000) liema multa ghandha tithallas b'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' hamsa w tletin Ewro (€35) u ordnat wkoll il-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess relevanti mahruġa taht il-L.S. 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal tlett (3) snin

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Julius Bonello, preżentat fir-reġistru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta′ Novembru,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrifoma s-sentenza appellata kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi l-Qorti ma semghatx ix-xhieda tal-esponent stess;

2. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hażin tal-fatti u skartat it-teżi tad-difiża meta l-fatti juru b'mod car li l-appellant fl-ebda mument ma kien qiegħed jonsob imma sahansitra inqabad fil- lok 1-hażin fil-mument il-ħażin u rreaġixxa b'mod li wiehed jista jifhem li tkun reazzjoni tar- raġel komuni;

3. Illi l-Qorti ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali li l-appellant wettaq id-delitt li l-Pulizija qalu li għamel u b'hekk li kien qiegħed jonsob saħansitra jonsob bla liċenzja u li kellhu fil-pussess illegali tiegħu tmintax (18) il-ghasfur,

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li tirriforma s-sentenza appellata kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-għaxra (10) ta′ Marzu elfejn ħamsa u għoxrin (2025).

Illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta′ Marzu elfejn ħamsa u għoxrin (2025) il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom u l-appell ġie differit għas-sentenza għal-erbgħa u għoxrin (24) ta′ April tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025).

**Ikkunsidrat.**

Il-fatti huma s-segwenti. L-imputat huwa akkużat illi fl-31 ta' Ottubru 2023 kien qiegħed jonsob mingħajr licenzja valida ghal dak il-ghan mahruga mill-awtorita kompetenti kif ukoll kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu għasafar b′mod illegali.

**<u>Dwar l-Ewwel Aggravju</u>**

Illi f′dan l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tisma′ ix-xhieda tal-imputat.

Illi din il-Qorti fliet l-atti u minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod l-imputat talab li jixhed u dan id-dritt ġie miċħud lilu. Skont il-verbal tas-seduta tal-erbatax (14) ta' Ġunju elfejn erbgħa u għoxrin (2024) wara li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha, il-partijiet għaddew għat-trattazzjoni u wara din il-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-tnax (12) ta' Settembru elfejn erbgħa u għoxrin (2024).

Illi l-Ewwel Qorti ma semgħetx x-xhieda tal-imputat fuq għażla tiegħu stess sabiex jeżerċita' dak id-dritt li minnu jgawdi. Il-fatt li huwa instab ħati mill-Ewwel Qorti, ma jistax issa fi stadju ta' appell jilmenta li huwa ma xehedx.

Illi dan l-aggravju għandu jitqies bħala wieħed fieragħ u vessatorju u qiegħed jiġi miċħud.

**<u>Dwar it-Tieni Aggravju u t-Tielet Aggravju</u>**

Illi dawn iż-żewġ aggravji huma konnessi flimkien stante li t-tnejn li huma jirrelattaw dwar il-fatt illi skont l-appellant l-Ewwel Qorti għamet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali li l-appellant kien ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **<u>Il Pulizija vs. Joseph Zahra</u>**[1] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti.

---

[1] Deciz nhar l-10 ta Mejju 2002

Kif qalet il-kawza **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28 ta' April, 1995</u>**:-

> *"........fi kliem iehor, l-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tirrimpjazjax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha".*

Forsi hawnhekk huwa opportun li jigi ripurtat dak li qal **<u>Lord Chief Justice Widgery</u>** fil-kawza "**<u>R vs Cooper"</u>** (1969) in konnessjoni mal-artikolu tal-Ligi Ingliza S.2(1)(a) tal-(Criminal Appeal Act 1968):-

> *"....... assuming that there is no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcripts of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*

Dan ifisser kwindi illi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni.

Din il-Qorti wara li ghamlet l-apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti m'ghandhix dak "*lirking doubt as to whether an injustice may have been done* ".

Illi mill-atti hemm ix-xhieda ta' **PS661 Christian Grech** u **PC541 Liam Fava** li jindikaw dak kollu li sabu u li ġara meta huma aċċedew fuq mansab ġewwa Ħal Safi. Huma

qalu li meta marru fuq il-post l-imputat li kien jinsab fejn il-ġebla tal-ġbid prova jitlaq minn fuq il-post. Ix-xhieda ta' **Renato Abela** u **Joseph Bonello** ma taqbilx mal-verżjoni mogħtija mill-Pulizija u anqas mall-bodycam footage li ġie eżebit mill-prosekuzzjoni u li din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara. Renato Abela u Joseph Bonello qalu li l-imputat kien mar hemm għal ilma u għal rixketta. Mill-filmat eżebit l-ilma u r-rixketta ma jidhru mkien. Anzi l-imputat huwa l-persuna li jidher responsabbli mill-ġbid.

Illi jingħad ukoll li Renato Abela u Joseph Bonello xehdu f'dawn il-proċeduri. Ħadd minnhom it-tnejn ma qal li kienu huma li qegħdin jonsbu u li dawk l-għasafar jappartjenu lilhom. Għalhekk kien jifdal biss persuna waħda fuq il-post, l-imputat Julius Bonello li għażel li ma jixhidx.

Illi x-xhud **Karl Cauchi** li huwa stazzjonat ġewwa l-Wild Birds Regulation Unit xehed li l-imputat ma kellux liċenzja speċjali li tippermettilu jipparteċipa fil-proġett ta' riċerka fuq l-għasafar tal-għana. Huwa xehed ukoll li l-pussess ta' dawk l-għasafar kien wieħed illegali stante illi ħdax (11) mill-għasafar kellhom ċurkett falz, ieħor kien liebes ċurkett ta' daqs mhux adattat għall-ispeċi u erbgħa (4) għasafar oħra ma kellhomx ċurkett.

Illi fir-rikors tal-appell innifsu, l-appellant jgħid "*illi finalment kien hemm is-sopposizzjoni illi l-għasafar kollha li nstabu fuq il-post kienu kollha tal-esponenti u kienu kollha taħt il-pussess illegali mentri dan mhuwiex minnu għaliex kienu erbatax biss minn dawk it-tmintax li nstabu li huma tal-esponenti u dawk kienu kollha għasafar li kellhom ċurkett anness magħhom*". Hawn din il-Qorti qegħda tara forma ta' ammissjoni bir-raġunar li qiegħed jagħmel l-imputat fir-rikors ta' l-appell tiegħu stante li ingħad li erbatax (14) mill-għasafar jappartjenu lill-imputat. Illi kif ġie ċitat fil-paragrafu preċedenti, Karl Cauchi qal li t-tmintax (18) -il għasfur kienu illegali minħabba r-raġunijiet ċitati lilu. Għalhekk fl-aħjar ipoteżi għal imputat, huwa responsabbli għal erbatax (14) mit-tmintax (18) -il għasfur li instabu illegali. Huwa biżejjed li kien hemm għasfur wieħed illegali sabiex l-imputat jinstab ħati.

Għalhekk dawn iż-żewġ aggravji qegħdin jiġu miċħuda.

Illi dwar il-piena, aggravju per se ma nghatax mill-appellant pero rat li fil-kaz odjern l-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-Ligi u ma hemm l-ebda raguni 'l ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-gudizzju ta' l-ewwel Qorti.

Fic-cirkostanzi għalhekk l-appell qed jiġi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**